**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Charlo Borg**

**Kumpilazzjoni Numru:** 1155/13

**Illum,** 18 ta' Frar, 2019

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Charlo Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 555977M akkuzat talli nhar it-tletin (30) ta' Lulju 2013 fis-sebgha ta' filghaxija (19:00), gewwa Triq tal-Barrani, Zejtun:

1. Saq van, bin-numru tar-registrazzjoni numru BBO 934 tat-tip Isuzu NKR, b'manjiera perikoluza u traskurata;

2. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, habat ma' mutur numru XLV 650 tat-tip Honda XL650 u involontarjament ikkagunalu hsarat ghad-dannu ta' John Chilton, numru tal-karta tal-identita` 530965M;

3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura kontra l-linja bajda kontinwa b'wahda mhux kontinwa (linja bajda kontinwa [linja fin-nofs]) indikat f'dik il-lokalita`;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanza, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza gravi li ggib il-konsegwenzi msemmija fl-Artiklu 218 u dan skond 1-Artiklu 226 (1) (a) fuq il-persuna ta' John Chilton ta' 22 sena, numru tal-karta tal-identita' 530965M;

U aktar talli b'hekk renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru defenttivi

u ma jistghux jigu mibdula u dan ai terminu ta' Artikolu 49 u 50 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 131) datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-verbal (a fol. 134) tad-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn inghatat l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Generali kif ukoll il-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 131) datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinsab htija kontra l-imputat u cioe`:

1. fl-Artikoli 17, 31, 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 15 (1)(a), 15(2), 15(3), u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikolu 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 2 ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.05, referibbli ghat-Taqsima IV A ta' l-iskeda ghall-istess Regolament;
5. fl-Artikoli 225, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq incident stradali li sehh fit-tletin (30) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) fi Triq tal-Barrani, Zejtun, bejn il-vettura tal-imputat u l-mutur tal-parte civile John Chilton.

Illi xehed **PS 827 Edward Grech** fejn qal illi nhar it-tletin (30) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tas-sebgha u ghaxra ta' filghaxija (7:10pm) kien gie infurmat illi kien hemm incident stradali fit-Triq tal-Barrani, Zejtun. Mar fuq il-post flimkien ma' kollegi tieghu fejn sab zewg vetturi (van u mutur) li kienu ghadhom kif habtu. Il-van kien tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-

registrazzjoni BBQ 934 u mutur bin-numru ta' registrazzjoni XLV 650. Huwa jkompli jghid illi mill-i*sketch* (Dok. EG2) deher li l-mutur misjuq minn John Chilton baqa' diehel fuq in-naha ta' quddiem tal-vann fuq in-naha tal-lemin. Chilton jghid illi huwa kien wara van u quddiemhom kien hemm vettura u din il-vettura ghamlet manuvra ghan-naha l-ohra u sab il-van ma' wiccu. Chilton sofra griehi gravi. Ix-xhud jafferma illi fl-istess triq hemm *central strip* biz-zebgha. Jispicca billi jghid illi irrizulta li Charlo Borg kien ghamel kisra fuq il-lemin jigifieri kien kiser minn fuq is-*central strip*.

Illi xehed **John Chilton** fejn qal li fit-tletin (30) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghaxija (7:15pm) kien involut f'incident tat-traffiku. Huwa jghid li kien bil-mutur tieghu tal-ghamla Honda, bin numru ta' registrazzjoni XL 650 f'Tal-Barrani. Jghid li l-vettura ta' quddiemu ghamlet manuvra u marret ghan-naha l-ohra tat-triq u sab il-vann ta' Charlo Borg ma' wiccu. Xehed illi minhabba dan l-incident sofra griehi f'subghajh tal-id il-leminija. Huwa qal li wara l-incident, l-imputat ried icempel lill-*wardens* biex jehilsu u dan minhabba li kien mghaggel. Ix-xhud qabel mal-i*sketch*ipprezentata u

mmarkata bhal Dok. EG2. Ix-xhud qal li l-imputat bil-vettura tieghu ghamel *U turn* b'dan li rifes is-sinjal tas-*central strip*. Ix-xhud qal li huwa baqa' f'sensih u meta l-*partner* tieghu (li kienet fuq mutur iehor warajh) giet hdejh qalet lill-imputat li ma setghax jaghmel *U turn* hemmhekk fejn l-imputat irrisponda billi qal li huwa dejjem hekk jaghmel ghax huwa ghandu ghalqa hemmhekk.

In kontroezami huwa qal li ftit qabel l-indicent huwa kien waqaf fuq il-*light*s homor ta' hdejn il-Lidl. Huwa jghid li bl-ebda mod ma seta' jiskapula dan l-incident u dan dejjem a kawza tal-manuvra inaspettata tal-imputat. Ix-xhud jafferma illi ghadu qieghed jiehu kura inkonnesjoni ma' dan l-incident.

Illi xehed **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn gie mitlub jixhed dwar il-vetturi mertu ta' dan l-incident. Huwa afferma li Charlo Borg huwa sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBO 934. Rigwardanti l-mutur, jghid illi ilu rregistrat fuq John Chilton mit-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Ix-xhud ipprezenta d-dokumentazzjoni li xehed dwarha bhala Dok. SC1.

Illi xehdet l-**Ispettur Carol Fabri** fejnipprezentat zewg sentenzi fil-konfront ta' Charlo Borg, wahda moghtija fid-dsatax (19) ta' Ottubru elfejn u disgha (2009) fejn fuq ammissjoni Charlo Borg gie ordnat ihallas multa u l-ohra moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn l-imputat fuq ammissjoni gie kkundannat ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Dawn gew immarkati bhala Dok. CF1 u Dok. CF2. Apparti minn dan hija xehdet illi dakinhar tal-incident kienu ghajtu ambulanza fuq il-post minhabba illi John Chilton kien sofra xi griehi. Hija tkompli tghid illi Borg kien qasam minn karregjata ghal ohra meta dan ma kienx suppost li jaghmel hekk. In oltre esebiet xi ritratti (Dok. CF3) ta' kif kienu nstabu l-vetturi wara l-incident.

Illi rega' xehed **John Chilton** fejn qal li l-mutur tieghu ma setghax jissewwa u gie ddikjarat *total loss*. F'dan is-sens huwa ipproduca Remittance Advice (Dok. JC1) u qal li l-mutur kienet zammitu l-agenzija tal-assigurazzjoni tieghu stess.

Illi xehed **Thomas Azzopardi**, espert mediku li kien ezamina lil John Chilton sabiex ihejji r-rapport mediku dwar il-griehi tieghu a

kawza tal-incident inkwistjoni. Huwa jghid illi dakinhar tal-incident, Chilton sofra griehi f'subghajh il-kbir t'idu l-leminija, tbengila fuq is-sieq mill-irkoppa sal-ghaksa u kellu bzonn xi punti wkoll. Sofra wkoll minn grif fil-minkeb tax-xellug u fl-ispalla tal-lemin kif ukoll qasma zghira fil-pexxun tal-lemin. Huwa qal li konsegwenza ta' dawn l-*injuries* il-parte civile ghandu dizabilita' permanenti ta' sebgha fil-mija (7%). Apparti xi griehi ohra, huwa kompla jghid illi jistghu jizviluppaw xi kumplikazzjonijiet 'il quddiem. Gie wkoll ipprezentat ir-rapport mediku, immarkat bhala Dok TA1.

Illi xehed **Michael Spiteri** fejn gie muri certifikat datat l-ewwel (1) t'Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013), mahrug f'isem John Chilton fejn ix-xhud kien ezamina lil Chilton wara l-incident inkwistjoni. Huwa jafferma l-griehi surreferiti u jispejga li minhabba n-natura tal-griehi subiti kellu bilfors jikklassifikhom bhala griehi gravi.

Illi xehed l-imputat **Charlo Borg** fejn qal illi dakinhar tal-incident huwa kien gej mit-Triq taz-Zejtun tiela' lejn Bir id-Deheb fejn waqaf hdejn il-Lidl. L-imputat spjega dak li gara dakinhar tal-

incident bis-segwenti kliem: *"Kont gej mit-triq taz-Zejtun tiela' lejn Bir id-Deheb, waqaft fejn il-Lidl, naqra 'l fuq mil-Lidl bil-hands mixghul, jiena kont qieghed ezatt fuq il-"line", wiehed qalani minn barra bil-mutur, mess l-isteering mal-bieba tal-van u baqa' sejjer faccata. Lili laqatni mal-bieba tal-van, imma hu qabez il-line, dik hi l-istorja."* Ikompli jghid li tali persuna giet minn warajh, mill-istess direzzjoni tieghu. Huwa jerga' jikkonferma li huwa kien wieqaf.

Illi fl-istqarrija tieghu li ttiehdet bis-solitu prekawzjonijiet l-imputat wara li kkonsulta ma' avukat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi tal-Ufficjal Prosekutur.

Il-Qorti rat li fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) l-Uffijcal Prosekutur ddikjara li m'ghandux izjed provi xi jressaq u ghalhekk il-kawza giet differita ghall-provi difiza.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) t'April tas-sena elfejn u sbatax (2017) id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex izjed

provi xi tressaq u ghalhekk il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni.

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) Charlo Borg ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Illi fid-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-Ufficjal Prosekutur ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-imputat u l-mutur tal-parte civile John Chilton liema incident sehh fit-tletin (30) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) fi Triq tal-Barrani, Zejtun u fejn l-istess John Chilton garrab griehi gravi hekk kif kien certifikat minn Dr. Michael Spiteri li rah ezatt wara l-incident u sussegwentement minn Dr. Thomas Azzopardi bhala espert tal-ortopedija.

Semghet ix-xhieda ta' John Chilton li xehed illi dakinhar kien qieghed it-triq tal-Barrani fejn kien qieghed wieqaf fuq il-*lights*

bil-mutur tieghu tal-marka Honda XL 650 fejn dan qala' xi karozzi, il-vettura ta' quddiemu ghamlet manuvra fejn marret ghan-naha l-ohra tal-karreggjata u sab il-vann tal-imputat ma' wiccu bil-konsegwenza li sehh l-impatt.

Irrizulta mill-isketchipprezentat a folio sebgha u ghoxrin (27) tal-process illi l-linja medjana hija *a continuous white line* u di fatti hija *central strip* impingija biz-zebgha u ghalhekk il-manuvra li ghamel l-imputat hija wahda ghal kollox illegali u perikoluza konsiderando l-fatt illi t-triq inkwistjoni hija wahda traffikuza hafna.

Illi analizi qasira tal-gurisprudenza nostrana turi x'inhuma r-responsabilitajiet ta' sewwieq fit-triq.

Illi fid-decizjoni moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju elfejn u hamsa (2005), il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella**, il-Qorti qalet hekk:

*"Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "main road user". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "side road user", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" - Il-Pulizija vs. Anthony Galea, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); Joseph Rizzo vs. Paul Micallef, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974; Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors*

> *ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue, Appell Civili, 2 ta' April 1976".*

Illi, apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out* specjalment meta jkun qed jaghmel manuvra eccezzjonali bhal dik li kien qed jaghmel l-imputat. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**</u> (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004]), il-Qorti kkwotat sintezi mehuda minn decizjoni precedenti (deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs. Noel Gauci**</u> [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD]) u sostniet:

> "*Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view" (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])".*

Illi fi <u>**Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.**</u> (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Jirrizulta ghalhekk illi li l-kawza prossima tal-akkadut kien il-fatt li l-imputat waqaf mal-linja l-bajda tat-triq sabiex ikun jista' jaghmel il-manuvra li kellu bi hsiebu jaghmel. Illi rrizulta wkoll illi l-imputat ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji u jirrizulta wkoll li ma kellux il-*proper lookout* li huwa rikjest li ghandu jkollu altrimenti kien jinduna li kien gej il-vittma John Chilton ezatt warajh.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u

eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi l-Qorti ma jirrizultalhiex li l-kwerelant John Chilton ta' lok sabiex isehh l-akkadut, anzi, u ma jirrizultax anqas li l-istess kien qed isuq b'xi velocita' eccessiva jew li ma kellux il-kontroll shih tal-mutur tieghu. Il-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta` da parti ta' Chilton u b'hekk il-kwerelant m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

Huwa car li meta l-imputat gie biex jieqaf mal-linja l-bajda biex jaghmel manuvra illegali huwa ma harisx lejn fejn kellu jhares, kif kien obbligat li jaghmel, altrimenti kien jintebah bil-mutur misjuq mill-kwerelant. Apparti minhekk l-imputat fl-ewwel lok qatt ma missu waqaf hesrem fuq il-*continous white line* fi triq traffikuza sabiex jaghmel manuvra illegali. Din kienet ir-raguni li wasslet sabiex isehh l-akkadut mertu tal-kawza odjerna.

Illi t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (3) imputazzjonijiet jorbtu mal-ewwel (1) imputazzjoni kontra l-imputat u cioe` sewqan traskurat u perikoluz.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Frar elfejn u sebgha (2007), il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod*

*jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali <u>Il-Pulizija vs. Mario Gellel</u> deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont*

*jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputat kien zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu stante li ma kienx prudenti meta ddecieda li jieqaf mal-linja l-bajda fi triq traffikuza. M'hemmx dubju wkoll li l-imputat kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi ghar-rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta mal-imputat bhala persuna recidiva, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ssostanzjat tali talba billi pprezentat zewg sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat fis-snin 2009 u 2010.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 328(b), 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-Artikoli 15 (1)(a), 15(2), 15(3), 32 u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 2 ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.05, issib lill-imputat Charlo Borg hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-multa ta' erbat elef ewro (€4,000).

Il-Qorti tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur dekorribbli min-nofsillejl ta' ghada.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**